**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 08 ta' Mejju, 2023**

**Rikors Numru 20/2021**

**Maria Pia Aquilina**

**Vs**

**Ministeru tal-Finanzi u għal kull interess li jista' jkollha Transport Malta u b'digriet tat-3 ta' Diċembru, 2021, isem il-Ministeru tal-Finanzi ġie korrett għal Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Maria Pia Aquilina** ippreżentat fis-26 ta' Marzu, 2021, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Ra r-risposta tal-**Awtorita` għat-Trasport f'Malta** ippreżentata fit-13 ta' April, 2021, fejn ġie eċċepit is-segwenti:-

1. *Illi, preliminarjament, ma jeżisti ebda "Ministeru tal-Finanzi" iżda jeżisti biss "Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol" li r-rappreżentanza ġuridika tiegħu hija vestita fil-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u kwindi r-rikors tal-appell, inkwantu dirett kontra 'Ministeru' ineżistenti, huwa monk, ineffikaċi u kolpit b'nuqqas li, f'dan l-istadju, mhuwiex sanabbli għaliex kwalsijasi rikors għall-korrezzjoni, anke kieku kellu jiġi akkolt, ikun ifisser inevitabilment illi l-appell (kif korrett) ikun fuori termine.*

2. *Illi, preliminarjament ukoll ir-Rikors promotur kellu jikkontjeni Lista tax-Xhieda li r-rikorrenti bi ħsiebha tipproduċi in sosten tat-talbiet tagħha.*

3. *Illi, sussidjarjament u bla ebda preġudizzju għas-suespost, l-Awtorita' rispondenti mhijiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u bl-ispejjeż u dan peress illi d-deċiżjoni appellata ġiet meħuda mill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol u mhux mill-Awtorita' rispondenti. Għaldaqstant l-Awtorita' rispondenti għandha tiġi liberata ab observantia bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti u dan anke fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza paċifika ta' dan l-Onorabbli Tribunal fosthom, inter alia, is-sentenzi fl-ismijiet 'Lorenzo Casu –vs- Chairman – Transfer of Residence Exemption Board et' (Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva deċiża fit-2 ta' Diċembru, 2016); 'Balbinder Malki Twana –vs- Awtorita' għat-Trasport f'Malta et' (Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva deċiża fit-18 ta' Mejju, 2015) u 'Claudia Carmicio –vs- Ministeru tal-Finanzi et' (Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva deċiża fil-11 t'Ottubru, 2016).*

4. *Illi sussidjarjament u assolutament bla ebda preġudizzju għall-premess l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent kontra l-Awtorita' esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rikorrenti effettivament jirriżulta, minn qari tar-Rikors promotur innifsu, illi ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti bil-liġi għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni.*

5. *Illi sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan peress illi d-deċiżjoni in kwistjoni hija legali, ġusta u għandha tiġi kkonfermata.*

6. *Illi f'kull każ l-Awtorita' rispondenti m'għandhiex tiġi akkollata bl-ispejjeż ta' din il-proċedura.*

Ra r-risposta tal-**Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol** ippreżentata fis-16 ta' April, 2021, fejn ġie eċċepit is-segwenti:-

**1.** *Illi qabel xejn, isem l-esponent fl-okkju ġie miktub ħażin għaliex minflok 'Ministeru Għall-Finanzi u x-Xogħol' tniżżel bħala 'Ministeru Tal-Finanzi'. Jixraq għalhekk li l-appellanta titlob li jsiru t-tiswijiet meħtieġa skont l-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Permezz tar-rikors tal-appell ippreżentat nhar is-26 ta' Marzu, 2021, l-appellanta qed tikkontesta d-deċiżjoni tal-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala l-'Bord') ippubblikata nhar il-11 ta' Marzu, 2021, li permezz tagħha ġiet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrenti għall-eżenzjoni tal-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni rigward il-vettura tat-tip 'Fiat 500';*

3. *Illi minn kif jidher mill-ittra ta' rifjut li kopja tagħha qed tiġi annessa u mmarkata bħala '**Dokument MFE 1'**, ir-raġuni għalfejn l-applikazzjoni tal-appellanta ġiet miċħudha kienet għaliex l-appellanti naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti tassattiv stipulat taħt* **paragrafu (a)** *ta'* **regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar L-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni tal-Vetturi bil-Mutur** *(L.S. 368.01), li jipprovdi hekk: "**Biex vettura tkun tista' tikkwalifika** għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) – (a) hija **trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu** li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu **għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta** u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta" (emfasi miżjuda);*

4. *Illi bla tlaqliq jingħad li l-aggravji tal-appellant huma infondanti kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan għar-raġunijiet li ser jiġu mogħtija f'din l-umli risposta kif ukoll minn dak li ser jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-appell;*

5. *Illi fl-ewwel lok ma huwa minnu xejn li l-appellanti ttrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta fi Frar, 2021, u dan wara li allegatament ma setgħetx tirritorna lura lejn l-Ingilterra minħabba r-restrizzjonijiet li ġew imposti minħabba l-pandemija tal-COVID-19;*

6. *Illi kemm minn kif jidher mill-kopja tal-applikazzjoni tal-appellanti li kopja tagħha qed tiġi annessa u mmarkata bħala* **'Dokument MFE 2',** *kif ukoll minn kif jidher minn* **'Dokument MFE 3'** *li huwa kopja ta' email mibgħut lill-Kummissarju tat-Taxxi, l-appellanti kienet diġà ddikjarat li d-data li fiha ttrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta kienet dik tas-**27 ta' Ottubru tas-sena, 2020**. B'żieda ma' dan anke minn* **'Dokument MFE 4'** *li hija kopja tal-Karta tal-Identità Maltija tal-appellanti, jirriżulta wkoll kif dan id-dokument ġie rilaxxat f' Ottubru tas-sena, 2020, u ċioè b'konformità ma' dak li ġie ddikjarat mal-Kummissarju tat-Taxxi;*

7. *Illi d-definizzjoni ta' "trasferiment ta' residenza" li magħha huwa marbut it-terminu ta' 24 xahar li vettura għandha tkun ilha rreġistrata f'isem l-applikant hija ċara u skont* **regolament**

**2** *tal-L.S. 368.01 "hija d-data meta jinħareġ id-Dokument ta' Residenza jew, fil-każ ta' applikanti Maltin, id-data li tiġi dikjarata mal-Kummissarju għat-Taxxi". Peress li l-appellanti hija ċittadina Maltija u l-appellanti ddikjarat mal-Kummissarju tat-Taxxi li ttrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta fit-27 ta' Ottubru tas-sena, 2020, il-Bord ma kellu l-ebda għażla għajr li jimxi ma' dik id-data li mhux biss ġiet dikjarata mill-appellanti stess mal-Kummissarju tat-Taxxi, iżda wkoll mad-data li ġiet iddikjarata mill-appellanti fl-applikazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri;*

**8.** *Illi kemm minn kif konċess mill-appellanti fit-tieni premessa tar-rikors tal-appell, kif ukoll minn kif jirriżulta mill-istess applikazzjoni li l-appellanti ssottomettiet lill-Bord (**Dok MFE 2**), d-data li fiha l-appellanti rreġistrat f'isimha l-vettura mertu tal-applikazzjoni in kwistjoni kienet dik tas-**17 ta' Diċembru 2018**. Illi b'hekk il-Bord irriżultalu li fid-data li l-appellanti ttrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta (27/10/2020), il-vettura mertu tal-applikazzjoni kienet ilha rreġistrata f'isem l-applikanta għal **perjodu ta' tnejn u għoxrin (22) xahar** u mhux erbgħa u għoxrin (24) xahar kif mitlub minn-**regolament 4(3)(a) tal-L.S. 368.01;***

**9.** *Illi mhux biss li dan il-Bord qal kemm il-darba li r-rekwiżiti fil-**paragrafi (a) sa (f) taħt regolament 4(3) tal-L.S. 368.01** huma kumulattivi u b'hekk jeħtieġ li llkoll jiġu sodisfatti kumulittivament, iżda talli wkoll li **f'paragrafu (a) ta' regolament 4(4) tal-L.S.368.01**, l-liġi stess tipprovdi li: "L-eżenzjoni taħt is-subregola (1) **m'għandhiex tingħata** meta -(a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)". Illi b'hekk, ġialadarba l-Bord irriżultalu li kien hemm wieħed mir-rekwiżiti f'regolament 4(3) nieqes, il-Bord kien ikun qed jaġixxi ultra vires li kieku kellu jilqa' l-applikazzjoni tar-rikorrenti u japprova l-eżenzjoni;*

**10.** *Illi għalhekk d-deċiżjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellanti hija waħda korretta u m'għandiex tiġi mħassra kif mitlub mill-appellanti;*

**11.** *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jgħaddi biex jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad l-appell tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess appellanti.*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti pproċediet b'dan ir-rikors peress li ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Ministeru intimat datata 11 ta' Marzu, 2021, liema deċiżjoni ġiet esebita bħala Dokument MFE1 a fol. 11 tal-proċess u li kienet tgħid, *inter alia*, is-segwenti:

*Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Subsidiary Legislation 368.01 under rule 4 (3) (a) which stipulates that "it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty-four months immediately before the date of his transfer of residence to Malta and is still so registered when the vehicle is imported or brought into Malta".*

Illi fir-rikors promutur ir-rikorrenti tippremetti illi f'Ottubru, 2020, hija ġiet Malta għal btala bl-intenzjoni li terġa' tirritorna lejn l-Ingilterra pero` dan ma sarx peress li kien hawn ir-restrizzjonijiet tal-pandemija tal-Covid 19. Illi għalhekk fi Frar, 2021, iddeċidiet li ma tirritornax lejn l-Ingilterra u ppruvat issib xogħol hawn Malta.

Illi t-Tribunal fela l-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti li fiha ddikjarat li hja ttrasferiet ir-residenza tagħha għal Malta fis-27 ta' Ottubru, 2020. Mal-istess applikazzjoni hija annettiet ukoll kopja ta' Dokument tal-HM Revenue & Customs li fih iddikjarat li kienet spiċċat mix-xogħol tagħha ġewwa l-Ingilterra fis-7 ta' Novembru, 2020,[1] liema dokument huwa data 6 ta' Novembru, 2020. Jirriżulta wkoll illi fit-23 ta' Frar, 2021, ir-rikorrenti bagħtet emejl fuq l-indirizz elettroniku _taxpayerservice.cfr@gov.mt_ fejn

[1] Dokument a fol. 25

iddikjarat li hija kienet irritornat b'mod permanenti ġewwa Malta fis-27 ta' Ottubru, 2020.[2]

Illi t-Tribunal jagħmel referenza wkoll għal Dokument MFE 5 a fol. 87 tal-proċess minn fejn jirriżulta illi fil-15 ta' Frar, 2021, Michael Zammit Munro, uffiċjal tal-Ministeru intimat, bagħat emejl lir-rikorrent biex tikkjarifika għaliex hija niżżlet li ħadet ir-residenza tagħha fis-27 ta' Ottubru, 2020, mentri d-data li telqet mill-impjieg tagħha kienet is-7 ta' Novembru, 2020. Ir-rikorrenti rrispondiet għall-istess emejl fejn tat is-segwenti informazzjoni, u ċioe`:

*I was travelling between Malta and the UK to organise plans for me to start my PhD at the University of Malta at the start of 2021. Due to the ever-changing COVID situation I felt that when I came to Malta in October it was best for me to stay here as travelling between the two countries was becoming difficult with quarantine restrictions. When I saw that I could not travel freely back I terminated my work in the UK (my employer ended my working arrangement in November).*

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jitratta l-ewwel u qabel kollox it-tielet eċċezzjoni tal-Awtorita` għat-Trasport f'Malta li permezz tagħha eċċepiet li hi mhix il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa ċar li l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta u l-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol huma żewġ entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Liġi hija mogħnija bil-poter li takkorda l-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, liema poter ġie delegat lit-*Transfer of Residence Exemption Board* permezz ta' Artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta m'għandha l-ebda poter tiddeċiedi jekk vettura tikkwalifikax jew le għall-eżenzjoni, pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbażi ta' dak deċiż mill-imsemmi Bord. Għaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita`

---

[2] Dokument MFE3 a fol. 26

intimata għandha raġun fit-tielet eċċezzjoni tagħha u għalhekk se jilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata u tal-Ministeru intimat din ġiet sorvolata fil-mori stante li t-Tribunal ordna l-korrezzjoni ta' isem il-Ministeru intimat. Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata, filwaqt li huwa minnu li l-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, jesiġi li mar-rikors tiġi ppreżentata lista ta' xhieda li r-rikorrent ikun beħsiebu jħarrek, it-Tribunal iqis li f'dan il-każ partikolari ħadd mill-intimati ma sofra preġudizzju b'dan in-nuqqas anke in vista tal-fatt illi fis-seduta tas-16 ta' Settembru, 2021, ir-rikorrenti ddikjarat min kienu x-xhieda li kienet beħsiebha tressaq.  Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Illi d-disposizzjoni tal-Liġi li teżenta vettura milli titħallas fuqha taxxa ta' reġistrazzjoni tinsab f'Artikolu 19 (3) (f) tal-Kapitlu 368 tal-Liġijet ta' Malta (Att Dwar ir-Reġistrazzjoni u Liċenzjar ta' Vetturi Bil-Mutur) liema artikolu jgħid is-segwenti:-

*"19 (3) Il-vetturi bil-mutur li ġejjin għandhom, meta jiġu reġistrati mal-Awtorità, ikunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa ta' reġistrazzjoni:*

*(f) vettura bil-mutur M1 jew ċikletta li tkun il-proprjetà personali ta' individwu privat u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta, iżda -l-eżenzjoni tingħata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika għal eżenzjoni bħal dik.* ***L-imsemmija eżenzjoni tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula mill-Ministru responsabbli għall-finanzi****."*

Illi l-Ministru responsabbli għall-finanzi ħaseb għall-imsemmija *"**kudizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet"*** permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Eżenzjoni Mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur)  fejn fost numru ta' kundizzjonijiet oħra hemm il-kundizzjoni imsemmija fir-Regolament 4 (3) (a) ċitat hawn taħt.

Illi fid-deċiżjoni odjerna it-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord") ibbaża r-rifjut tiegħu proprju fuq iċ-ċitat Regolament li jgħid is-segwenti :

*"4(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*

*(a)* ***hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta;"***

Illi għalhekk dan ir-Regolament fih żewġ rekwiżiti li persuna li tkun qed tapplika għall-eżenzjoni trid tissodisfa, u ċioe`:-

**1. li l-vettura tkun ilha reġistrata f'isimha għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tagħha għal Malta, u,**

**2. tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtata jew miġjuba f'Malta.**

Illi mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti u mid-dokumenti annessi magħha jirriżulta s-segwenti:-

a. Illi skont iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura in kwistjoni maħruġ mid-*Driver & Vehicle Licensing Agency* tar-Renju Unit, l-istess vettura ġiet reġistrata fuq isem ir-rikorrenti fis-17 ta' Diċembru, 2018;[3]
b. Skont l-applikazzjoni sottomessa minnha sabiex tiġi eżentata milli tħallas it-taxxa ta' reġistrazzjoni, ir-rikorrenti ddikjarat li ttrasferiet ir-residenza tagħha lejn Malta fis-27 ta' Ottubru, 2020.

Illi abbażi ta' dawn il-fatti il-Bord kien tal-opinjoni illi l-vettura ma kinitx ilha reġistrata erbgħa u għoxrin (24) xahar fuq isimha meta ttasferiet ir-residenza tagħha f'Malta. Illi r-

[3] Dokument A a fol. 18 sa 20

rikorrenti tgħid li fil-fatt id-data mniżżla minnha ma tirriflettix id-data ta' meta ttrasferiet ir-residenza tagħha hawn Malta tant li hija tterminat it-*tax residency* tagħha ġewwa r-Renju Unit fit-2 ta' Frar, 2021.[4] Illi pero` t-Tribunal jinnota illi fil-formola tal-applikazzjoni mimlija mill-istess rikorrent hemm imfisser b'mod ċar xi tfisser "*transfer of residence*" u ċioe` *"the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta with the date being the date of issue of the Residence Document or the date as declared with the Commissioner for Revenue in the case of Maltese applicants."* Illi t-Tribunal josserva illi r-rikorrenti hija fluwenti fil-lingwa Ingliża u għandha livell għoli ta' edukazzjoni u kwindi ċertament ma kellhiex diffikulta` biex tifhem dak li kien hemm miktub.

Illi għaldaqstant id-data tat-trasferiment tar-residenza tar-rikorrenti kien marbut mad-data li hija ddikjarat ai fini ta' taxxa mal-Kummissarju tat-Taxxi. Illi din id-dikjarazzjoni saret permezz ta' emejl datata 23 ta' Frar, 2021, fejn iddikjarat is-segwenti, u ċioe` *"I would like to inform you that I returned to live in Malta permanently from the UK on the 27th of October, 2020. I have been in the UK since 1997…"* Illi fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ċar illi għalkemm jista' jkun li r-rikorrenti kienet oriġinarjament ġiet hawn Malta biex tagħmel preparamenti biex tibda kors universitarju fl-2021, madanakollu f'Ottubru, 2020, hija ffurmat id-deċiżjoni tagħha li tibqa' hawn Malta u kien għalhekk li rabtet id-data tat-trasferiment tar-residenza tagħha hawn Malta u dana għaliex jirriżulta ċar illi fl-istess żmien hija ddeċidiet li ma terġax tmur lejn ir-Renju Unit tant li fis-7 ta' Novembru, 2020, ġie terminat l-impjieg tagħha ġewwa r-Renju Unit. Dan kollu huwa għal darb'oħra konfermat f'emejl tas-16 ta' Frar, 2021, riprodotta iktar 'il fuq fejn ir-rikorrenti kkonfermat li meta waslet Malta f'Ottubru hija kienet tal-opinjoni li kien aħjar għaliha li tibqa' hawn Malta stante li kien hemm diversi restrizzjonijiet biex tiċċaqlaq bejn Malta u r-Renju Unit. Dan ifisser li f'Ottubru, 2020, hija ffurmat l-intenzjoni li tibqa' residenti hawn Malta.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi, konformament ma' dak iddikjarat mir-rikorrenti fl-

[4] It-Tribunal jinnota li ma nġabet ebda prova dokumentarja dwar dan

applikazzjoni tagħha u fl-emejl mibgħuta lill-Kummissarju tat-Taxxi, hija ttrasferiet ir-residenza tagħha f'Malta f'Ottubru, 2020.

Għaldaqstant dan it-Tribunal ma jista' jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni tal-Bord u huwa tal-fehma illi l-Bord kien korrett meta rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbażi tal-fatt li l-vettura in kwistjoni ma kinitx ilha reġistrata fuq isimha għal tal-inqas erbgħa u għoxrin xahar qabel ħadet ir-residenza tagħha hawn Malta u għalhekk ma kinitx tikkwalifika għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u jiċħad it-tieni eċċezzjoni ta' Transport Malta, jilqa' t-tielet eċċezzjoni ta' Transport Malta u jilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, jiċħad l-appell interpost mir-rikorrenti mid-deċiżjoni tal-Ministeru intimat datata 11 ta' Marzu, 2021, u konsegwentement jilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-Ministeru intimat.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**